MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 208/2014

**GreenPak Coop Society Limited (Coop Reg. No 98)**

***kontra***

**Greenstar Ltd (C49101)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-<u>7 ta` Marzu 2014</u> li jaqra hekk–

*1. Illi s-socjeta` intimata hija debitrici tal-koperattiva rikorrenti fis-somma ta` wiehed u disghin elf seba` mija tmienja u sebghin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€91,778.82) rapprezentanti bilanc ta` prezz (li jirrizulta wara t-tpacija tal-ammont ta` €362,820.56 dovut mis-socjeta` intimata lill-koperattiva rikorrenti – ara prospett anness u mmarkat bhala **Dok A** – mal-ammont ta` €271,041.74 altrimenti dovut lill-istess socjeta` intimata mill-koperattiva rikorrenti) ta` servizzi rezi lilha fuq ordnijiet taghha stess, liema bilanc baqa` ma thallasx;*

*2. Illi nonostante illi s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut minnha (ara fost ohrajn l-ittra ufficjali numru 1770/2013 tat-12 ta` Gunju 2013 – **Dok B**) din baqghet inadempjenti;*

*3. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-koperattiva rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tghaddi biex taqta` u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*2. Tiddikjara illi s-socjeta` intimata hija debitrici tal-koperattiva rikorrenti fis-somma ta` wiehed u disghin elf seba` mija tmienja u sebghin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€91,778.82) rapprezentanti bilanc ta` prezz (li jirrizulta wara t-tpacija tal-ammont ta` €362,820.56 dovut mis-socjeta` intimata lill-*

*koperattiva rikorrenti mal-ammont ta` €271,041.74 altrimenti dovut lill-istess socjeta` intimata mill-koperattiva rikorrenti) ta` servizzi rezi lilha skont kif mifthiem, liema bilanc baqa` ma thallasx;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas dan l-ammont lill-koperattiva rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-mandat ta` qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma` dan ir-rikors mahluf u bl-imghaxijiet dekoribbli skont il-ligi bl-oghla rata jew rati permessi mil-ligi.*

*Is-socjeta` intimata hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-kumpannija attrici, il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-kumpannija attrici u d-dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta` April 2014 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta` Mejju 2014 fid-09:00am.

Rat illi l-kumpannija konvenuta kienet debitament notifikata skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat illi l-kumpannija konvenuta naqset li tidher ghall-udjenza tal-lum.

Rat l-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12.

**Taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**Tiddikjara lill-kumpannija konvenuta bhala debitrici tal-koperattiva attrici kif fuq premess.**

**Tikkundanna lil-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-koperattiva attrici s-somma fuq riferita ta` wiehed u disghin elf seba` mija tmienja u sebghin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€91,778.82), bl-imghax kif mitlub.**

**Tikkundanna lil-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-mandat ta` qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------